TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 10/11

**Mario Abdilla**
**vs**
**Intercomp Ltd.**

Illum 8 ta' Mejju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-14 ta' Frar, 2011 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' seba' mitt ewro (€700), rappreżentanti prezz ta' mobile Nokia E90 li kultant jeħel il-*cursor*.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti xtara *mobile phone* Nokia E90 mingħand id-ditta intimata, fejn irriżulta li kien difettuż minħabba l-fatt li kultant kienet teħel il-*cursor*.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet u eżamina dan il-*mobile phone,* jikkonsidra illi r-rikorrenti għandu raġun stante illi għalkemm huwa *fault intermittent*, dan m'għandux isir speċjalment aktar u aktar għal prezz li ħallas għalih

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' erba' mija u ħamsin ewro (€450), b'dan illi l-*mobile phone* jiġi propjeta' tas-soċjeta' intimata wara li jsir il-ħlas, bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**